MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2009

Numru 483/2008

PULIZIJA
SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA
VS
GRANVILLE FARRUGIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Granville Farrugia, ta’ 29 sena, iben Victor u Teresa nee’ Briffa, imwieled Pieta’ fis-17 ta’ Frar 1979, residenti f’Thank God, Triq is-Saqwi, Zabbar u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 111979(M).

1). Illi huwa akkuzat talli f’Mejju 2008, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

a) Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh,

jew tal-prodott ta’ industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

b) Ghamel uzu, xjentement, ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghejt merkanzija, b’din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c) Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew jimporta ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b’qerq;

U cioe diversi DVDs b’films.

2). U aktar talli, f’Mejju 2008, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda ghal qliegh, jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi Artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta’ Malta jew tahtha.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat indikata fic-citazzjoni bhala numru 1.c. u l-ammissjoni ndikata bhala numru 2.;

Semghet il-konferma ta’ l-ammissjoni kif fuq indikata u wara li l-imputat inghata zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, Granville Farrugia, hati ta' l-akkuzi 1.c. u 2. kif fuq indikati, u wara li rat l-Artikoli 18, 298 (1) (f), 298B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal multa ta' € 500 li jithallsu fi zmien 6 xhur u tordna il-konfiska u d-distruzzjoni ta' l-oggetti ezebiti u sekwestrati. Din il-multa ghandha tithallas fi zmien sitt xhur b'rati mensili.

Din il-piena giet akkordata in vista tal-fatt illi l-attur principali ta' dawn ir-reati kien certu Philip Zammit li diga' gie sentenzjat mill-Qrati tal-Magistrati (ara Dok.IA5) u jidher car illi Zammit kien il-mohh wara din l-operazzjoni u l-imputat, Granville Farrugia, kien semplicement jikkonsenja d-DVDs *non-compliant* lil terzi fuq struzzjonijiet ta' Philip Zammit u dana minghajr hlas.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll l-eta' giovanili ta' l-imputat u l-fedina penali nadifa netta tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------